DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/583

tal-25 ta' Marzu 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim tal-Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore dwar l-interpretazzjoni, skont l-Artikolu 16.1(4)(d), tal-Artikoli 10.17 u 10.22 ta' dak il-Ftehim fir-rigward ta' bidliet fil-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel irreġistrati f'Singapore

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 ([1]) l-Unjoni kkonkludiet Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ([2]) ("il-Ftehim") li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2019.

(2) L-Artikolu 16.1 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat għall-Kummerċ li, fost l-oħrajn, jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

(3) F'konformità mal-Artikolu 16.1(4)(d) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Dawk l-interpretazzjonijiet huma vinkolanti fuq il-Partijiet u fuq il-korpi kollha stabbiliti skont il-Ftehim, inklużi l-bordijiet ta' arbitraġġ imsemmija fil-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tal-Ftehim.

(4) L-Artikolu 10.17(3) tal-Ftehim jipprevedi li, hekk kif ikun prattikabbli, wara li jkunu ġew konklużi l-proċeduri għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f'kull Parti għall-ismijiet kollha elenkati fl-Anness 10-A (Lista ta' Ismijiet li jridu jiġu applikati għall-Ħarsien bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fit-Territorju tal-Partijiet) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jadotta deċiżjoni dwar l-elenkar fl-Anness 10-B (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti) tal-ismijiet mill-Anness 10-A għall-Ftehim.

(5) L-Artikolu 10.18 tal-Ftehim jipprevedi l-possibbiltà li tiġi emendata l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness 10-B għall-Ftehim li jridu jiġu protetti minn kull Parti skont is-Subtaqsima C (Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

(6) Il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 10.17(2) jipprevedu rispettivament proċedura ta' oġġezzjoni u mezzi legali li jippermettu r-rettifika u t-tħassir ta' entrati fir-reġistru domestiku sabiex jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi li għandhom jiġu kkunsidrati.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 294, 14.11.2019, p. 1).

([2]) ĠU L 294, 14.11.2019, p. 3.

(7) L-Artikolu 10.22 tal-Ftehim jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 10-B tal-Ftehim.

(8) Jixraq li jiġi ċċarat il-mod li bih id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10.17 (2) u 10.22 jitħaddmu flimkien. Speċifikament, jeħtieġ li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn il-livell ta' protezzjoni stabbilit skont l-Artikolu 10.22 tal-Ftehim, u s-sistema għar-reġistrazzjoni u għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti minn kull Parti skont l-Artikolu 10.17 tal-Ftehim mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Dan jenħtieġ li jsir permezz tal-adozzjoni ta' interpretazzjoni vinkolanti.

(9) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-koerenza legali, jenħtieġ li dik l-interpretazzjoni vinkolanti tiddikjara li ma tista' issir ebda bidla fil-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel rreġistrati f'Singapore u li huma elenkati jew li jridu jiġu elenkati fl-Anness 10-B għall-Ftehim, magħmula jew minħabba li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10.22(5) tal-Ftehim jew minħabba li jaqgħu barra r-regoli ġenerali minquxa fil-paragrafi l-oħra tal-Artikolu 10.22 u li huma mitluba permezz tas-sistema għar-reġistrazzjoni u għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 10.17 tal-Ftehim, sakemm ma tittieħidx deċiżjoni pożittiva tal-Kumitat għall-Kummerċ rigward l-emenda korrispondenti tal-Anness 10-B għall-Ftehim.

(10) Huwa previst li l-Kumitat għall-Kummerċ ser jadotta deċiżjoni, rigward l-interpretazzjoni tal-Artikoli 10.17 u 10.22 (5), f'konformità mal-Artikolu 16.1(4)(d) tal-Ftehim, waqt l-ewwel laqgħa tiegħu jew permezz ta' proċedura bil-miktub.

(11) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni jew fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit taħt il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ("il-Ftehim") jew bil-miktub mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, rigward l-interpretazzjoni tal-Artikoli 10.17 u 10.22(5), f'konformità mal-Artikolu 16.1(4)(d) tal-Ftehim fir-rigward ta' tibdil fil-protezzjoni ta' indikaturi ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel irreġistrati f'Singapore għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat għall-Kummerċ ([3]).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A METELKO-ZGOMBIĆ

([3]) Ara d-dokument ST 6568/20 fuq is-sit web http://register.consilium.europa.eu.